MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Mandat Numru. 446/2007/1

**Paul Hili (ID 501758M)**
**vs**
**First Foods Franchises Limited (C 18843)**

Il-Qorti,

Regghet rat ir-rikors;

Rat id-digriet taghha precedenti;

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata;

Semghet ix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lill-Avukati jitrattaw;

Rat l-Artikoli 873, 874, 875 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tohrog mandat ta' inibizzjoni sabiex is-socjeta intimata tigi inibita milli izomm 'extraordinary general meeting' fit-30 ta' Marzu 2007 u dana ghaliex, skond ir-rikorrenti, jekk din l-laqgha tithalla issir, l-pozizzjoni tieghu fi hdan is-socjeta' intimata ser tigi ppregudikata irrimedjabbilment u dana peress illi inghata avviz illi f'din il-laqgha ser tghaddi rizoluzzjoni illi permezz taghha ser jigi ikkunsidrat u deciz jekk ir-rikorrenti ghandux jitnehha minn Direttur tas-socjeta' intimata.

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti xehed illi jekk huwa jitnehha minn direttur tas-socjeta' intimata ser jithalla fil-ghama dwar l-affarijiet tas-socjeta' intimata u ma jkunx jaf jekk ikunx jaqbillu jixtri l-ishma ta' hutu jew le skond il-"Buy Back Agreement" esebit bhala Dok A f'dawn l-atti.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' intimata ipprezentat risposta fejn, inter alia, issottomettiet illi l-Artikolu 140 tal-Kap. 386 ighid illi kumpannija tista' tnehhi direttur qabel ma jghaddi iz-zmien tal-kariga tieghu b'rizoluzzjoni li tittiehed f'laqgha generali tal-kumpannija u mghoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu ghaliha u jivvotaw ……"

Inoltre, il-ligi tghid illi "d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw minkejja kull haga li tinsab fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija jew f'xi ftehim bejnha u d-direttur".

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' intimata intrabtet permezz ta' verbal tad-29 ta' Marzu 2007 illi "tul iz-zmien illi tibqa' issehh il-"buy-back option" skond id-Dok A, huwa (jigifieri r-rikorrenti)

jibqa' jircievi kull xahar il-"management accounts" fl-istess format li qieghed jircevihom illum.

Ghalhekk, m'huwiex il-kaz illi r-rikorrenti ser jigi b'xi mod ippregudikat milli jaghmel decizjoni infurmata dwar il-qaghda finanzjarja tas-socjeta' intimata meta huwa jigi biex jezercita il-buy back option jekk huwa ma jkunx ghadu direttur tas-socjeta' intimata.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti m'hijiex sodisfatta illi dan il-mandat ta' inibizzjoni huwa mehtieg sabiex jithassru il-jeddijiet tar-rikorrenti.

Prima facie, ir-rikorrenti ma ghandu l-ebda dritt illi jwaqqaf lis-socjeta' intimata milli issejjah il-laqgha in kwistjoni ghaliex din li-laqgha tista tinzamm skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 140 tal-Kap. 386 u konsegwentement ir-rikorrenti m'ghandux drittijiet x'jitharsu.

Ghaldaqstant il-Qorti tara illi l-kweziti mitluba mill-ligi sabiex jinhareg mandat ta' inibizzjoni ma jinsabux sodisfatti, u dan dejjem sal-grad tal-prima facie, u ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-talba.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------